


**Kont taf li...**

# Meta Reġa' Nfaqa' l-Ġibjun f'Ta' Qali

**Joseph Borg, CDH, DIP.Hort.[Amenity], Ph.D. [Hort.] Essex**
*President, The Malta Horticulture Society.*

Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra, jien ktibt artiklu dwar l-Akkwadott ta' Wignacourt li għaddej minn Ħal Balzan u dwar il-Ġibjun f'Ta' Qali, u meta l-ġibjun infaqa' fit-Tieni Gwerra Dinjija. Spiċċajt l-artiklu billi fakkart li dan il-ġibjun kien reġa' nfaqa' darb'oħra, snin wara.

Kien Ġunju tas-sena 1959, meta fil-ġibjun f'Ta' Qali kien qed isir fih xogħol strutturali minn ħaddiema tad-Dipartiment tal-Ilma. Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju ftit wara l-erbgħa nieqes kwart ta' waranofsinhar, jien kont id-dar t'ommi, fi Triq il-Mosta, Ħ'Attard, peress li kienu diġà bdew in-nofstanhari għall-impjegati tal-Gvern. F'ħin minnhom instema' fir-raħal, ħoss kbir bħal tiġrif ta' bini.

Dakinhar ħriġt niġri barra u bqajt mistagħġeb bil-kwantità kbira t'ilma li tfaċċat fit-triq ġejja tgelgel min-naħa ta' Ta' Qali. L-ilma kien nieżel b'saħħa sa ma ħabat maz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard u lewa 'l isfel għal taħt ir-raħal u lejn it-triq ta' Ħaż-Żebbuġ. L-ilma kien aktar għoli mill-bankina. Il-kelma ġriet li nfaqa' l-ġibjun ta' Ta' Qali. In-nies ħarġu barra wkoll u kulħadd baqa' mistagħġeb meta ġriet il-kelma li nfaqa' l-ġibjun li hemm fil-*Pumping Station* f'Ta' Qali.

Ftit wara bdew għaddejjin minn Triq il-Mosta, Ħ'Attard vetturi tal-Pulizija, tas-*Civil Defence* u tal-Militar Ingliż lejn Ta' Qali. Ġriet il-kelma li kien hemm xi ħaddiema maqbudin ġol-ġibjun. Nies mill-irħula tal-madwar li kellhom membri tal-familja jaħdmu fil-*Pumping Station* u mad-Dipartiment tal-Ilma telgħu jiġru biex jieħdu xi aħbar minn fuq il-post.

Irriżulta li l-ġibjun huwa maqsum f'partijiet, jew sezzjonijiet, mifrudin minn xulxin b'ħitan, iżda kull ħajt diviżorju kellu bħal mina li tgħaqqad ġibjun m'ieħor, u li setgħet tingħalaq u tinfetaħ biex il-livell tal-ilma jimxi minn sezzjoni għal oħra. Ġara li wieħed minn dawn il-ħitan ma kienx mibni, iżda kien magħmul minn ħxuna tal-blat stess, meta tħaffret dik it-taqsima.

Sezzjoni waħda tal-ġibjun li kienet tmiss ma' dan il-ħajt tal-blat kienet mimlija ilma waqt li n-naħa l-oħra, is-sezzjoni l-oħra kienet mbattla mill-ilma. Il-ħaddiema kienu qed jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni fin-naħa l-vojta.

F'ħin minnhom il-ħajt diviżorju tal-blat ma felaħx il-pressjoni tal-ilma, infaqa' u parti mis-saqaf tal-konkos tal-ġibjun ċeda għal isfel fejn kien hemm l-erba' ħaddiema. Wieħed mill-ħaddiema li nzerta


*Il-parti l-antika tal-ġibjun.*


*Ġenb tal-ġibjun li maż-żmien żdied mal-parti tal-ġibjun li kien infaqa'.*




*Il-Gvernatur Sir Guy Grantham*

kien qrib il-mina li tagħti għal sezzjoni oħra vojta tal-ġibjun, irnexxielu jsalva għax il-mewġa tal-ilma li ħarġet b'pressa kbira mis-sezzjoni mimlija, sparatu ġol-mina għan-naħa l-oħra fis-sezzjoni l-vojta. Bil-livell tal-ilma sa qaddu u dejjem tiela', tela' jiġri 'l fuq, u rnexxielu jsalva iżda t-tliet sħabu l-oħra baqgħu ma telgħux. Ittieħed l-Isptar San Luqa biex jiddewwa speċjalment mill-qatgħa li kellu fuqu.

Sirna nafu li l-ewwel li waslu fuq il-post kienu l-Pulizija u b'kumbinazzjoni wieħed mill-Pulizija kellu missieru jaħdem hemm. Waslu wkoll ir-*Royal Engineers* li ħadu kontroll tax-xogħol tas-salvataġġ. Inġiebu bugħaddasa (konna ngħidulhom *frogmen)* tar-reġiment biex iwarrbu l-armar tal-konkos (*scaffolding)*, twavel u seratizzi, biex jippruvaw jgħaddu mill-mina li tagħti għas-sezzjoni fejn kienu maħsuba li l-ħaddiema kienu qed jaħdmu. Imma l-għaddasa kellhom jiġu rtirati għax partijiet tal-konkos tas-saqaf kienu mdendlin mix-xibka b'mod perikoluż, barra li bugħaddas minnhom kien għoddu weħel isfel qalb l-i*scaffolding* bil-periklu li jegħreq.

Ittieħdet id-deċiżjoni li jippruvaw jidħlu għall-ħaddiema mill-ġenb tal-ġibjun billi jiftħu toqba fil-ġenb oħxon tal-ġibjun li kien tal-konkos. Għalhekk intużaw l-isplussivi. Hekk kif bdew l-isplussivi, bosta djar tal-irħula viċin il-ġibjun, inkisrilhom il-ħġieġ tat-twieqi. Niftakar qalulna biex nifthu it-twieqi tal-gallarijiet biex il-*blast* ma jkomplix ikisser il-ħġieġ tat-twieqi, għax ix-xogħol u l-isplużjonijiet kellhom jibqgħu sejrin tul il-lejl kollu u anke l-għada s-Sibt.




*L-irħama ta' tifkira tal-vittmi tat-traġedja.*

Il-Ħadd 7 ta' Ġunju 1959, id-Dipartiment tal-Informazzjoni ħareġ avviż li l-isplussivi se jibqgħu jintużaw. Sadanittant inbeda l-ippumpjar tal-ilma mis-sezzjonijiet mgħarrqa bl-ilma. Tard dak il-lejl inħarġu żewġ ħaddiema mejta.

F'Malta waqgħet dieqa kbira meta ħarġet l-aħbar. Intużat l-aċitilena biex jinqatgħu l-vireg mix-xibka tal-konkos waqt it-tfittxija għall-ħaddiem l-ieħor li baqgħet għaddejja.

L-għada t-Tnejn, l-Isqof żar il-post u għamel talb fuq il-post għas-sagrifiċċju tal-ħaddiema u ta l-għomor lill-qraba tal-mejtin. Kull tama li l-ħaddiem l-ieħor jinstab ħaj, għebet. Dakinhar kien wasal f'Malta l-Gvernatur il-ġdid Sir Guy Grantham u Lady Grantham.

L-għada t-Tlieta, wara li l-Gvernatur ħa l-ġurament tal-ħatra, mar dritt Ta' Qali fejn ġrat it-traġedja. Ftit sigħat qabel ma wasal il-Gvernatur ittella' l-katavru tat-tielet vittma ta' din it-traġedja. It-tliet ħaddiema kienu; Antonio Pace, Paul Sammut u Emanuel Abela.

Il-Maġistrat Salomone Reynaud qara fil-Qorti r-rapport tiegħu tal-investigazzjoni tal-inċident fatali u spiċċa biex saqsa, x'parir il-gvern kien ingħata dwar il-qawwa tal-pressa tal-ilma fuq dak l-imbierek ħajt tal-blat. Il-ħsara, li għall-ewwel ġiet stmata Lm42,260, biż-żmien issewwiet u l-ilma mill-ġibjun reġa' beda jaqdi l-funzjoni tiegħu.

Il-plakka tal-irħam bl-ismijiet tat-tliet ħaddiema li tilfu ħajjithom fuq ix-xogħol għadha hemm imwaħħla mal-ħajt tal-ġibjun bħala tifkira għażiża tat-tliet ħaddiema li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**Referenzi:**

*The Times of Malta*, 5, 6, 8, 10 ta' Ġunju 1959.
*Il-Berqa* tal-11 ta' Ġunju 1959.
Arkivji tas-Soċjetà Agrarja.